MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## SILVIO MELI

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2008

Avviz Numru. 347/2008

Rat it-talba tar-rikorrent ghall-kundanna tal-intimat ghall-hlas tas-somma ta' hdax-il elf sitt mija sitta u erbghin Ewro u sebgha u tmenin centezmu (€11,646.87), liema somma hija dovuta ai termini ta' l-iskritturi privati datati 21 ta' Novembru tas-sena 2005, 14 ta' Frar tas-sena 2006, u 2 ta' Mejju tas-sena 2006 rigwardanti zvilupp ta' l-arja fuq il-blokk 275/275A Saint Ursula Street, Valletta, permezz ta' liema skritturi l-intimat kien intrabat illi jwettaq ir-rifuzjoni ta' l-imsemmija somma lill-esponenti kemm-il darba il-permessi relattivi ma jinhargux sal-21 ta' Novembru tas-sena 2006 u cioe' d-data li fih spiccat il-validita' ta' l-iskritturi surreferiti. Illi l-intimat diga' rrikonoxxa illi din is-somma hija dovuta tant illi ntavola ittra ufficjali datat 25 ta' Jannar tas-sena 2006 (Dok. A) sabiex ir-rikorrent jersaq ghall-pagament ta' l-istess somma. Illi madankollu meta l-esponenti intavola ittra ufficjali pprezentata nhar it-12 ta' Settembru tas-sena 2008 ai terminu ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 (Dok B) sabiex jikkanonizza l-kreditu tieghu, l-intimat dehrlu illi ghandu jopponi (nota annessa u mmarkata Dok C.), u dana sahansitra wara illi permezz ta' ittra bonarja datata 14 ta'

Gunju tas-sena 2008 kien rega' kkonferma l-kreditu (Dok D) u ghalhekk kellha ssir din il-procedura;

Bl-ispejjez, inkluz tal-prezenti kif ukoll ta' l-ittra ufficjali ezekuttiva datata 12 ta' Settembru tas-sena 2008 kontra l-intimat u bl-imghaxijiet legali mit-22 ta' Novembru tas-sena 2006 sad-data tal-pagament effettiv. L-intimat huwa ngunt ghas-subizzjoni;

Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tar-rikorrenti sabiex l-intimat iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment l-intimat naqas u ma deherx, la fid-9 ta' Dicembru tas-sena 2008 meta gew pprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tar-rikorrenti u tikkundanna lill-intimat Roger sive Dudley Ward ihallas is-somma ta' hdax-il elf sitt mija u sitta u erbghin Ewro u sebgha u tmenin centezmu (€11,646.87) lill-istess rikorrent;

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet indikati fir-rikors promotur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------